# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 43**

**Rikors numru 300/2022/1 JVC**

**XNT Limited (C 52182)**

**v.**

**Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja u**
**L-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza hi b'referenza għall-appell tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) minn deċiżjoni tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Ġunju 2022 li biha laqgħet it-talba tal-kumpanija rikorrenti għall-ħruġ ta' *interim order'* u ordnat lill-FIAU sabiex b'mod immedjat tneħħi minn fuq is-sit elettroniku l-avviż pubblikat li kienet ġiet imposta piena amministrattiva fuq ir-rikorrenti, u dan sakemm tkun deċiża din il-kawża.

**Preliminari**

2. Il-fatti li wasslu għal dan l-appell huma dawn:

2.1. Is-soċjetà rikorrenti hija liċenzjata sabiex topera fis-settur finanzjarju u toffri servizzi ta' investiment u għalhekk skont il-liġi għandha obbligazzjonijiet relattivi għall-prevenzjoni ta' ħasil ta' flus u finanzjar ta' terroriżmu;

2.2. L-FIAU għandha *inter alia* funzjoni superviżorja fir-rigward u tista' timponi sanzjonijiet f'każ ta' ksur ta' obbligazzjonijiet min-naħa tal-persuna liċenzjata;

2.3. Wara *offsite compliance visit* tal-kumpanija rikorrenti, li saret f'Jannar tal-2021, l-FIAU ħarġet *Compliance Review Report* datat 16 ta' April 2021 bis-sejbiet preliminari;

2.4. Fis-16 ta' Mejju 2021, il-kumpanija rikorrenti għamlet ir-rappreżentazzjonijiet tagħha dwar dak ir-rapport;

2.5. Permezz ta' ittra datata 9 ta' Ġunju 2022, l-FIAU nforma lill-kumpanija rikorrenti b'għadd ta' nuqqasijiet fl-obbligazzjonijiet li għandha skont l-Att kontra *Money Laundering* (Kap. 373)/regolamenti

applikabbli/*implementing procedures*. Minħabba f'hekk ħarġet piena amministrattiva fl-ammont komplessiv ta' €244,679 *a tenur* tal-artikolu 21 tar-regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu (Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01). Informata wkoll li skont l-Artikolu 13C tal-Att kontra *Money Laundering* (Kap. 373), fi żmien ħamest ijiem kien ser jiġi pubblikat avviż fis-sit elettroniku li jagħti tagħrif dwar il-piena imposta u l-miżuri li ttieħdu.

2.6. L-avviż kien ippubblikat fit-13 ta' Ġunju 2022 (Dok A a fol. 31). Fl-avviż jingħata tagħrif bħad-data meta kienet imposta l-piena amministrattiva, il-persuna li weħlet dik il-piena, u l-artikoli tal-liġi u regolamenti li r-rikorrenti kisret.

2.7. Fl-14 ta' Ġunju 2022 ir-rikorrenti fetħet din il-kawża fejn ilmentat li l-piena amministrattiva ġiet imposta mingħajr ma kellha smigħ xieraq, u dan bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Talbet għalhekk ir-revoka tal-piena amministrattiva. Talbet ukoll li fil-pendenza tal-kawża l-Qorti tordna lill-FIAU sabiex tneħħi l-avviż pubblikat fis-sit elettroniku in kwantu jirreferi għar-rikorrenti.

2.8. Kontestwalment, il-kumpanija rikorrenti ppreżentat ukoll rikors b'urġenza fejn tenniet it-talba tagħha sabiex il-Qorti:

*"tagħti ordni ad interim fis-sens illi tordna lill-FIAU biex tneħħi l-pubblikazzjoni fuq is-sit elettroniku tagħha tal-multa nflitta fuq is-soċjetà esponenti u dan samkemm jiġu deċiżi l-proċeduri kostituzzjonali ppreżentati kontestwalment ma' dan ir-rikors u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni."*

2.9. Fit-28 ta' Ġunju 2022 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "*id-digriet appellat*") l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

*"Illi l-Qorti ghalhekk tqis li ghandha tilqa' t-talba sabiex jinhareg 'interim-order' u tordna lill-Korp ghall-Analizi ta' Informazzjoni Finanzjarja intimat sabiex b'mod immedjat mad-data ta' dan id-digriet, inehhi l-pubblikazzjoni minn fuq is-sit elettroniku tieghu tal-multa inflitta fuq is-socjeta' rikorrenti u dan sakemm jigu decizi b'mod finali l-proceduri kostituzzjonali odjerni."*

2.10. Ir-raġunijiet li l-Ewwel Qorti tat huma dawn:

*"Illi mir-risposti tal-intimati kif ukoll mit-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet din il-Qorti kkonfermat li fuq is-sistema pubblika jitnizzel notament dwar l-appell izda mhux dwar il-proceduri kostituzzjonali pendenti;*

*Illi minghajr ma' l-Qorti tidhol fil-mertu tal-kaz odjern, huwa ovvju li r-rimedju tal-appell mill-multa mposta ma jaghti l-ebda rimedju ghall-ilmenti tas-socjeta' rikorrenti dwar l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali stante li hija din il-Qorti li ghandha l-gurisdizzjoni sabiex taghmel hekk. L-ilment tar-rikorrenti huwa li l-ligi li taghti l-poter lill-Korp intimat li jinvestiga l-agir tar-rikorrenti, fl-istess hin hu stess jiehu decizjoni u jimponi l-piena tilledi d-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq.*

*Illi din il-Qorti, filwaqt li ghal darb'ohra tenfasizza li ma ghandha bl-ebda mod tigi nterpretata li qed taghti xi decizjoni fil-morti* (*recte*, fil-meritu)*, ghal kuntrarju tal-intimati, tqis li prima facie s-socjeta' rikorrenti wriet li hemm kaz ta' ksur ta' jedd fundamentali.*

*Illi dwar l-irrimedjabilita tal-hsara l-Qorti tqis ukoll li din hija sodisfatta u dan stante li l-possibilita' li s-socjeta' rikorrenti tispicca ma tistax topera u l-ezistenza per se taghha tkun mhedda hija wahda reali hafna in vista tar-riperkussjonijiet li tali pubblikazzjoni tal-multa mposta jista' jkollha fuq l-operat taghha partikolarment ma' terzi.*

*Ghalkemm il-Qorti tqis li huwa minnu li tali multa tinghata pubblicita' sabiex jithares l-interess ta' terzi, izda f'tali mposizzjoni u provvediment tal-ligi, l-istess ligi mhiex qed tipprovdi ghall-interessi tal-istess persuna nvestigata u dawk in-nies kollha impjegati maghha.*

> *Fi ftit kliem pendenti l-appell u/jew il-kawza kostituzzjonali din il-kumpanija tista tispicca fix-xejn bl-impjegati wkoll jitilfu l-impjieg taghhom u l-ebda appell li jintrebah jew kawza kostituzzjonali favur taghha ma jkun jista' jgib lura dak li jkun intilef fil-frattemp."*

3. B'rikors tat-18 ta' Lulju 2022, l-FIAU appellat u talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"tħassar u tirrevoka d-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ta' nhar it-28 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet premessi, u tgħaddi għalhekk biex tiċħad it-talba tal-kumpanija appellata kif dedotta fir-rikors b' urġenza tagħha tal-14 ta' Ġunju 2022, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kumpanija attriċi appellata."*

4. Permezz ta' tweġiba ppreżentata fid-19 ta' Settembru 2022 l-Avukat tal-Istat wieġeb illi huwa jaqbel bi sħiħ mal-kontenut tar-rikors tal-appell tal-Korp intimat u għalhekk talab li din il-Qorti tħassar id-digriet.

5. Il-kumpanija appellata min-naħa l-oħra wieġbet illi:

(i) l-appell tal-FIAU huwa <u>null</u> għaliex sar mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti, kif jeħtieġ l-Artikolu 229 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

(ii) il-meritu huwa insostenibbli u għalhekk għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

**Konsiderazzjonijiet**

6. L-eċċezzjoni tan-nullità tar-rikors tal-appell hi bażata fuq l-Art. 229(3) tal-Kap. 12 li jipprovdi:

> *"229.(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir* ***biss*** *qabel is-sentenza definittiva* ***jekk*** *il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. Il-qorti, wara li tkun semgħet lill-partijiet, tista' tilqa' li jsir dan l-appell jekk jidhrilha li jkun aħjar u ġust li l-kwistjoni tinġieb quddiem il-Qorti tal-Appell qabel ma tingħata s-sentenza definittiva u t-terminu biex jiġi preżentat tali appell għandu jibda jgħaddi mid-data tad-digriet li bih il-Qorti tkun laqgħet li jsir dak l-appell."* (enfasi tal-Qorti)

7. Mill-atti tal-Ewwel Qorti jirriżulta:

7.1. Fit-28 ta' Ġunju 2022 ingħata d-digriet appellat. Digriet li ngħata *in camera*;

7.2. Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2022 l-FIAU ressqet provi;

7.3. Fit-18 ta' Lulju 2022 l-Avukat tal-Istat ippreżenta rikors u talab l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex jappella mid-digriet tat-28 ta' Ġunju 2022;

7.4. Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2022 l-FIAU kompliet tressaq provi u saret dikjarazzjoni li, '*il-partijiet jaqblu li hemm*

*pendenti appell fuq l-interim measure ippreżentat mill-FIAU";*

7.5. B'digriet mogħti fit-3 ta' Novembru 2022 il-Qorti tal-ewwel grad <u>ċaħdet</u> it-talba tal-Avukat tal-Istat tat-18 ta' Lulju 2022 abbażi tas-segwenti:

> *"Reġgħet rat ir-rikors tal-Avukat tal-Istat datat 18 ta' Lulju, 2022 li permezz tiegħu għar-raġunijiet ndikati fl-istess talab li jingħata permess speċjali sabiex jappella mid-digriet interim ta' din il-Qorti datat 28 ta' Ġunju, 2022;*
>
> *Rat ir-risposta tar-rikorrenti li oġġezzjonat għat-talba tal-Avukat tal-Istat ...*
>
> *Rat li l-Korp intimat ma għamel l-ebda risposta iżda ġie verbalizzat fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2022 li l-istess Korp ma talabx l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti u għadda sabiex intavola appell kontra d-digriet interim ta' din il-Qorti liema appell għadu pendenti;*
>
> *Semgħet lill-Avukati tal-intimati fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2022 jsostnu li l-każ odjern ma għandux imur għad-deċiżjoni qabela jinqata' l-appell pendenti mill-'interim measure';*
>
> *Rat li din il-Qorti mill-ewwel għamlitha ċara mal-Avukati tal-partijiet li ma kien jagħmel l-ebda sens loġiku li d-deċiżjoni fil-mertu ta' din il-lanjanza kostituzzjonali tistenna eżitu ta' appell fuq deċiżjoni ta' miżura interim;*
>
> *Illi minn dak suespost il-Qorti rat li huwa ċar daqs il-kristall li l-intenzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u anki tal-Korp intimat permezz tal-appelli huwa li jtawlu l-proċeduri odjerni u din il-Qorti mhux ser tippermetti dan anki in vista li l-provi fl-atti odjerni waslu fl-aħħar tagħhom.*
>
> *Għar-raġunijiet suespost u wkoll għaliex il-Qorti ma tarax il-bżonn li jkun hemm appell f'dan l-istadju filwaqt li jibqa' l-possibiltà li din il-miżura interim tiġi appellata mal-mertu, tiċħad it-talba għall-permess speċjali sabiex isir appell."*

7.6. Fis-seduta tas-6 ta’ Diċembru 2022 kompla l-ġbir tal-provi u l-kawża ġiet differita għas-7 ta’ Frar 2023 għall-għeluq tal-provi tal-intimati.

8. F’każijiet oħra din il-Qorti diġà ddeċidiet li digriet li bih Qorti tagħti tordna miżura proviżorja waqt is-smigħ ta’ kawża fejn l-ilment ikun dwar allegat ksur ta’ jedd fundamentali, hu digriet interlokutorju u japplika l-Art. 229 tal-Kap. 12 (ara per eżempju Repubblika v. Avukat tal-Istat tal-24 ta’ Novembru, 2022).

9. Bħala fatt l-FIAU ma talbitx il-permess tal-Ewwel Qorti sabiex tappella mid-digriet tat-28 ta’ Ġunju 2022, filwaqt li t-talba tal-Avukat tal-Istat kienet miċħuda.

Għal dawn il-motivi tilqa’ l-eċċezzjoni tar-rikorrenti u filwaqt li tiddikjara null l-appell tal-FIAU, ma tqisux iktar. Spejjeż a karigu tal-FIAU.

Il-Qorti tordna li l-atti jiġu rinvjati lura lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr